# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 454/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Marflene Cricchiola**

Illum 11 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellat **Marflene Cricchiola**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 513386(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-11 ta' Frar 2015 għall-ħabta ta' 22:48hrs ġewwa l-fond 'Best Play', Triq Santa Tereża, Bormla:

1. ikkommetta serqa ta' sitt elef u erba' mitt Euro (€6,400) fi flus kontanti b'użu ta' arma regolari li huwa kkwalifikat bil-

[1] *A fol.* 264.

vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-detriment ta' Johann Cremona u/jew persuni jew intrapriżi oħra bi ksur ta' Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(b), 263(b), 267, 270, 276, 277(b), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta l-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Jonathan Cardona kontra l-volonta' tiegħu bi ksur ta' Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. ġewwa l-Gżira hedded mingħajr ma darab lil Jonathan Cardona b'użu ta' arma tan-nar bi ksur ta' Artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu arma tan-nar u ċioè pistola mingħajr liċenza taħt l-Att dwar l-Armi bi ksur ta' Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. sar reċidiv ta' sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Diċembru 2021 fejn il-Qorti ma sabitx lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u konsegwentement illiberatu minnhom.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-23 ta' Diċembru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat ħati skont l-akkużi u tinfliġġi piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-6 ta' Diċembru 2021. Mis-sentenza msemmija appella l-Avukat Ġenerali.

Illi dan il-każ jirrigwarda *hold-up* li sar f'"Bestplay" ġewwa Triq Santa Tereża, Bormla. Jirriżulta li persuna ta' statura medja u mgħammda, liebes *hoodie* blu u b'wiċċha mhux viżibbli kienet daħlet fil-post. Jonathan Cardona kien qed jipprepara biex jagħlaq meta din il-persuna ppuntatlu arma u ordnatlu jagħtiha l-flus. Il-Pulizija kisbu aċċess għall-filmati mis-*CCTV* li l-istabbiliment kien attrezzat bihom.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi u tal-fatti prodotti. Huwa jissottometti li l-Ewwel Qorti ma għamlitx analiżi tal-artikoli li l-appellat kien akkużat bihom meta, skont hu, dawn kollha jissussistu. Huwa jaqsam dan l-aggravju tiegħu fis-segwenti:

- Dwar il-ħtieġa li tkun prodotta l-aħjar prova hekk kif qalet l-Ewwel Qorti, l-Avukat Ġenerali qal li ma tħalla barra l-ebda

xhud li x-xiehda tiegħu kienet importanti. Jgħid li l-Pulizija kienu sabu l-vettura Honda del Sol li kienet ipparkjata fuq il-bankina u malli huma (l-Pulizija) waqqfu lill-appellat dan staqsiehom: *"Jaqaw fuq il-hold-up?"* u dan meta ma kienux tkellmu miegħu fuq il-*hold-up*. Jisħaq li huma importanti wkoll ix-xiehda ta' l-iSpettur Saviour Baldacchino u tal-iSpettur Josric Mifsud. Jargumenta li huma importanti l-filmati tas-*CCTV* u l-i*stills* fejn skont hu jirriżulta li l-persuna nvoluta hija dik tal-appellat. Jagħmel riferenza għar-rapport redatt minn Dr. Mario Scerri u jisħaq li dan jikkonferma li l-ġrieħi sofferti mill-appellat kienu sostnuti meta hu ħabat ma' kaxxa waqt is-serqa. Jargumenta li anke l-vittma Jonathan Cardona kien xebbah lill-aggressur mal-appellat. Jisħaq li ftit qabel l-appellat kien tilef somma flus fl-istess stabbiliment u kien hemm kuntatt bejn l-appellat u ċertu Charlston Cassar waqt is-serqa. Ix-xhud qal li ma setax jagħraf lill-appellat ħlief mill-istatura tiegħu. L-Avukat Ġenerali jisħaq li l-Pulizija ġabet l-aħjar evidenza possibbli.

- L-Avukat Ġenerali ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti fejn qalet li l-uniċi provi li hemm huma l-istatura tal-malvivent meta mqabbla ma' dik tal-appellat u l-grif f'idejh. Jisħaq li l-aqwa prova huwa l-filmat tas-serqa kif ukoll l-i*stills*. Jgħid li mill-filmat jirriżulta li ftit qabel kien daħal Charlston Cassar li kellu konnessjoni mal-appellat. Jargumenta li permezz tas-*social media* l-Pulizija qabblu ż-żarbun tal-appellat u li jum qabel (meta l-appellat kien tilef il-flus) huwa jidher liebes l-istess tip ta' żarbun. Jgħid li l-appellat ta ħafna verżjonijiet differenti dwar iż-żarbun. Jgħid ukoll li l-appellat jidher jaħbat ma' kaxxa tal-metal u b'hekk sofra ġrieħi f'idu bl-espert Dr. Mario Scerri jikkonkludi li l-abrażjoni fuq id l-appellat kienet saret xi jumejn qabel minn strument tal-ponta. L-Avukat Ġenerali jgħaddi sabiex jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi dwar il-valur probatorju tal-filmati tas-*CCTV*. Jissottometti li kien hemm provi oħrajn, fosthom il-*customer visit logs* li jindikaw id-drabi kollha li l-appellat kien aċċeda għall-istabbiliment.

- L-Avukat Ġenerali jagħmel sottomissjoni dwar meta l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qalet hekk (*a fol.* 444): *"Fil-kumplament lill-imputat ħadd ma għarfu."* L-appellant jisħaq li kemm il-vittma kif ukoll il-Pulizija identifikaw lill-aggressur u jgħid li minkejja li l-vittma qatt ma setgħet tagħraf lill-aggressur mill-wiċċ għax dan kien mistur, pero' għarfu mill-fiżjonomija, mill-attitudni u mil-leħen. Jinsisti li allura kien hemm min għaraf lill-appellat u kkwota ġurisprudenza Ingliża dwar id-distinzjoni li wieħed għandu jagħmel bejn l-identifikazzjoni (*identification*) u l-għarfien (*recognition*) tal-persuna suspettata

- L-Avukat Ġenerali ma jaqbilx mas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din qalet li (*a fol.* 444): *"lanqas instab fil-pussess tal-imputat l-ebda oġġett jew ilbies li seta' forsi jwassal għall-involviment tal-imputat f'din is-serqa".* Huwa jirreferi għall-vettura Honda CRX ħamra li hija rreġistrata f'isem l-appellat. Irrefera wkoll għax-xiehda mogħtija minn PS 341 Dalli, PS 1359 Zammit, l-iSpettur Baldacchino u r-rappreżentant tat-Transport Malta. Dwar il-ħwejjeġ l-Avukat Ġenerali jissottometti li l-verżjonijiet mogħtija mill-appellat huma totalment inattendibbli u dan meta rinfaċċjat bl-istampa taż-żarbun eżebit fl-atti proċesswali. Jisħaq li l-appellat kien liebes l-istess żarbun meta l-jum ta' qabel mar jilgħab u tilef madwar elf Euro (€1,000). L-appellant jgħid ukoll li l-appellat naqas li jforni l-*password* korretta tal-*mobile phone* li kien elevat minn fuq il-persuna tiegħu.

- L-Avukat Ġenerali jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-kwadru probatorju miġjub quddiemha. Jgħid li fil-filmat jidher l-appellat jaħbat ma' kaxxa li kienet fil-passaġġ u laqat eżattament il-post fejn tidher din il-girfa fuq idu.

- L-appellant jagħmel riferenza għal meta l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qalet hekk (*a fol.* 448): *"di piu' minkejja li l-imputat inqabad ftit wara s-serqa u l-Pulizija rawh ħiereġ minn*

*residenza partikolari, tali residenza ma ġietx perkwiżita u l-imputat effettivament ma kienx liebes l-istess ħwejjeġ ta' x'kien liebes il-malvivent."* L-appellant jisħaq li l-appellat kien uża l-istess vettura sabiex jitlaq mix-xena tad-delitt u jbiddel il-ħwejjeġ li hu kien liebes fil-mument li saret is-serqa. Jgħid li mit-tfittxijiet fil-vettura, fuq l-appellat u mid-dar tat-tfajla ma nstab xejn iżda jisħaq li l-ispjegazzjonijiet li hu (l-appellat) ta lill-Pulizija ma kinux konvinċenti.

Illi minn dan kollu mniżżel hawn fuq jirriżulta li l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa bażikament dwar l-apprezzament ta' fatti magħmul mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[2]"

[2] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju

Illi għalhekk dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. In fatti din il-Qorti reġgħet eżaminat l-atti proċesswali u l-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi f'dan il-każ barra l-filmat u x-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti trid tikkunsidra wkoll l-evidenza ċirkostanzjali. Għandu jingħad li fis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** (Numru 275/2013) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Fil-każ fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:
>
> > *"L-prova indizzjarja trid tkun waħda* ***assolutament univoka****, li* ***tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda****...biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġjonevolment jasal għall-konkluzzjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni,* ***irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univoċita' tagħha, ċioè li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju raġjonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skont il-liġi.****"*
>
> Fil-każ fl-ismijiet **Pulizija vs. Paul Grech** deċiza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi *"l-provi fil-kamp kriminali jistgħu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn* ***ikunu suffiċjenti biex inisslu konvinċiment morali***

1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

***f'moħħ il-ġudikant lil hinn minn kull dubju raġjonevoli mir-reita' ta' l-imputat**."*

Anki fil-każ **Pulizija vs. James Abela** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) ġie ddikjarat illi *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b'"res ipsa loquitur" wieħed jifhem biss li **l-fatti – inklużi provi indizjarji – "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-ġudikant iħossu moralment konvint li jista' jiġbed ċerti konklużjonijiet minn dawk il-fatti,** allura wieħed m'għandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" iżda dwar dak li fid-dottrina Ingliża jissejħu "presumptions of fact"....F'materja ta' inċidenti stradali il-provi indizjarji ħafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistgħu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistgħu ikunu biss soġġettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjaħ "esprit de voiture". Umbagħad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistgħu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li ġara, dawn il-provi indizjarji, jistgħu faċilment u mingħajr bżonn ta' ħafna tiġbid, jagħtu stampa ċara tad-dinamika tal-inċident. S'intendi, **bħal kull prova indiretta oħra, iridu jkunu tali li jwasslu għal konklużżjoni univoka u li biha il-ġudikant ikun moralment konvint lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-ħtija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkużat**...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi ċirkostanzjali jirriżultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinċiment morali tal-ġudikant sal-grad rikjest fil-proċess penali tirriżultax ħtija ta' sewqan ħażin."*

Finalment fis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angel sive Angelo Bajada** datata l-ħmistax ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa ġie ddikjarat illi: *"L-assjem tal-provi kien tali li a bażi tiegħu l-ġurati setgħu raġonevolment u b'konvinċiment morali trankwill għall-aħħar jaslu għall-konklużjoni la ma jemmnux*

*dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment għall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoċi."*

Illi jekk induru fuq ġuristi Ingliżi senjatament Pollock C.B[3] l-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova ċirkostanzjali u t-tifsira tal-univoċita' tagħha ngħatat is-segwenti deskrizzjoni:

> *"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.""*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Frendo** (Numru 173/2003) deċiża fit-30 ta' Diċembru 2004, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "L-impronti diġitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – *"circumstantial evidence""* - li kif qal Lord Salmon fil-każ ***DPP v. Kilbourne*** [1973] AC 729, p. 758 *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities"*. Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvinċix lill-Ġudikant lil hinn minn kull dubbju

[3] "Criminal Evidence (3rd. Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice)."

> dettat mir-raġuni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkużata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw għall-anqas għal tentattiv ta' dak ir-reat".

Fis-sentenza appena ċitata, il-Qorti qalet hekk ukoll:

> "Waħedhom dawn l-impronti kienu tali li setgħu, legalment u raġjonevolment, inisslu fil-Ġudikant il-konvinċiment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-ħsieb li jinġarru flimkien ma' l-oġġetti l-oħra li kienu effettivament inġarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bażi ta' probabbilita', ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiċċaw fuq l-oġġetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq oħra għajr li ssib lill-appellant ħati skond l-ewwel imputazzjoni."

Illi applikati l-prinċipji t'hawn fuq għal każ li għandha quddiemha din il-Qorti, din il-Qorti tinnota li ma rriżulta xejn mill-eżami komparattiv li sar bejn il-*fingerprints* li nstabu fuq il-bieb u dawk tal-appellat. Apparti dan, waqt li kien qed jixhed l-impjegat li kien fil-ħanut waqt il-*hold–up*, meta mistoqsi jgħid jekk għarafx lill-appellat allura imputat huwa qal li peress li wiċċ l-aggressur kien mgħammad ma setax jgħid li kien qed jagħrfu. Ma' dan din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-espert mogħti l-inkarigu biex mir-ritratt jew mill-filmat joħroġ l-istatura tal-appellat, dan l-espert ma setax jespleta dan l-inkarigu.

Illi mhuwiex biżżejjed għal din il-Qorti li Jonathan Cardona qal li seta' jagħraf l-istatura tal-appellat u dana meta jittieħed in konsiderazzjoni li hu kien jilgħab spiss fil-ħanut. Anqas il-fatt li skont ir-reġistru tal-viżitaturi l-appellat kien preżenti fil-jum ta' qabel u mir-ritratt ta' din il-vista jirriżulta li kien liebes żarbun bl-istrixxi. Dan qed jingħad peress li huma diversi n-nies li jilbsu dan it-tip ta' żarbun. Dwar il-fatt li l-appellat kellu xi ġrieħi fuq idejh u dwar il-fatt li mill-filmat jirriżulta li l-aggressur kien daħal

ġo kaxxa u laqat idejh, din il-Qorti tinnota li l-aggressur kien liebes il-kmiem twal. Apparti dan, ma jridx jintnesa li l-appellat spjega li setgħet saret b'xi għodda. Minkejja li dan jista', b'xi mod jew ieħor, jitqies bħala mhux veritjier, pero' fl-istess waqt tenut kont ta' dak li ngħad fis-sentenzi hawn fuq ċitati mhuwiex biżżejjed sabiex din il-Qorti tikkunsidra li l-appellat kien il-persuna li wettaq il-*hold-up* in kwistjoni.

Illi anke dwar il-fatt li meta l-Pulizija marru sabiex jarrestaw lill-appellat u huwa staqsiehom jekk hux dwar il-*hold-up*, ma hemmx dubju li dan *per se* ma jfissirx li l-appellat kien hu li wettaq il-*hold-up* u dana peress li filwaqt li seta' kien l-appellat li wettaq il-*hold-up* li daqstant ieħor seta' kien li ġriet il-kelma li kien seħħ *hold-up*!

Illi dwar il-fatt li l-Pulizija xehdu li meta għaddew l-ewwel darba mill-post ma kinux raw il-vettura tal-appellat iżda meta għaddew it-tieni darba sabu l-vettura tiegħu pparkjata bl-addoċċ u li dan ma kienx 'il bogħod minn fejn sar il-*hold-up*, din il-Qorti tinnota li l-*hold-up* sar f'Bormla u li l-appellat jirrisjedi Bormla wkoll.

Illi din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ma tqisx li hemm provi biżżejjed li jwassluha sabiex tikkonkludi li kien l-appellat li wettaq il-*hold-up*. Din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** (Numru 179/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "13. Mill-premess, għalhekk, ma tirriżultax dik il-katina ta' ċirkostanzi univoċi li jista' jingħad li iżolatament jew komplessivament jorbtu lil xi ħadd mill-imputati inevitabilment u inekwivokabilment max-xena tad-delitt jew xort'oħra mal-kummissjoni tiegħu. Il-fatt li r-relazzonijiet bejn Booth u l-imputati setgħu ma kienux tajbin u li Booth kienet oġġezzjonat mal-awtoritajiet li jiġi

sanzjonat xi bini fil-proprjeta' tal-imputat ma joħolqux dik il-konkatenazzjoni meħtieġa sabiex inekwivokabilment jorbtu lill-imputati mal-kommissjoni tar-reat u ma humiex suffiċjenti sabiex jikkolmaw il-vojt fil-provi tal-prosekuzzjoni sabiex jiġġeneraw il-grad tal-prova oltre d-dubbju raġonevoli. In kwantu għall-evażivita' tal-imputat meta mistoqsi dwar il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u aspetti oħra tax-xiehda dawn jistgħu iwasslu sabiex l-imputat ma jingħatax affidament f'dawk l-aspetti tad-depożizzjoni tiegħu, u sabiex dawn jiġu skartati, iżda l-vojt fil-provi li jinħoloq b'dan il-mod ma jistax jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni tal-ħtija tal-imputati fil-grad għoli rikjest mil-liġi.

14. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif jemerġu mill-provi inklużi dawk li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u ċioè li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-prosekuzzjoni, iżda prova sa dan il-grad ma hix biżżejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti jirriżultalha li ma għandhiex tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni tal-provi mressqa quddiemha u għaldaqstant l-aggravji mressqa mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu qed jiġu kollha miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**